Kunsill Lokali Ħal Balzan
7/9, Triq Dun Spir Sammut,
Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 37

Data tal-laqgħa: 26 ta` Ġunju 2017

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta` filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Desmond Zammit Marmara` – Kunsillier
Daniel Muscat – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b`APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Andre` Grech – Viċi Sindku

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

Is-SE qrat l-ittra ta` apoloġija tal-Viċi Sindku Andre` Grech li talab li jkun skużat minħabba raġunijiet ta` safar. Il-Kunsilliera preżenti aċċettaw l-ittra ta` apoloġija.

## 37.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti ta` Laqgħa Numru 35 u ta` Laqgħa Urġenti Numru 36

37.1.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-minuti tal-Ħamsa u Tletin Laqgħa u tas-Sitta u Tletin Laqgħa Urġenti. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

37.1.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

## 37.2 Punti li joħorġu mill-Minuti

37.2.1.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali approva li l-attivita` *Balzan Arts and Music Festival* 2017 issir nhar il-Ġimgħa 22 ta` Settembru 2017 minn flok il-ġurnata li kienet approvata fil-laqgħa li għaddiet, 15 ta` Settembru 2017.

37.2.1.2 Il-bdil fid-data sar minħabba l-fatt li l-Kunsillier Daniel Muscat, l-organizzatur tal-attivita`, kien qed isibha diffiċli biex isib *band* disponibbli għal 15 ta` Settembru 2017. Il-Kunsilliera preżenti qablu li l-attivita` ssir fit-22 ta` Settembru 2017.

## 37.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

37.3.1.1 Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri infurma lill-Kunsill li dwar l-uffiċċju l-ġdid, kellu kummenti posittivi mir-residenti. Dan għaliex il-post il-ġdid qiegħed iktar fiċ-ċentru tar-raħal u iktar aċċessibbli għal kullħadd.

37.3.1.2 Is-Sindku qal li għad jonqos il-*frames* bir-ritratti tal-President ta` Malta u tal-Kunsilliera preċedenti. Dawn ġew ordnati ġodda minngħand Greenway Art Gallery għall-prezz ta` €48.50c kull wieħed, sabiex ikunu jaqblu mal-ambjent tal-uffiċċju l-ġdid. Is-Sindku infurma lill-Kunsill li se jordna erba` (4) *frames* żejda biex ikunu jistgħu jitpoġġew ir-ritratti ta` Kunsilliera futuri.

37.3.1.3 Is-Sindku qal ukoll li aktar il-quddiem hemm il-ħsieb li ssir xkaffa kbira fis-sala biex jitqiegħdu l-kotba li kienu nxtraw għal-librerija.

37.3.1.4 Is-Sindku infurma lill-Kunsill lir-rampa ta` quddiem il-bieb tal-uffiċċju l-ġdid tal-Kunsill se ssir mill-ħaddiema tal-Kunsill wara l-festa. Il-Kunsilliera Daniel Muscat u Joe Galea se jaraw eżatt kif l-aħjar li ssir.

37.3.2.1 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li resident li issa li l-uffiċċju lest se jiffoka fuq il-proġett ta` e*mbellishment* fil-Wied ta` Ħal Balzan k/m Triq it-Tliet Knejjes.

37.3.2.2 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li se jikteb ittra formali lill-Dr. Ian Borg, Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali, biex jinfurmah bl-urġenza biex isir ir-rikostruzzjoni tal-Wied ta` Ħal Balzan, kif ukoll jekk hu possibbli, il-Kunsill jiġi nfurmat meta din se ssir. Dan għaliex jekk il-Gvern għandu l-ħsieb li t-triq issir fil-futur qarib, il-proġett ta` *embellishment* jiġi pospost għal wara.

37.3.2.3 Is-Sindku qal li, il-Kunsill ikun jista` jwettaq il-proġett ta` e*mbellishment* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima fejn is-siġra tal-fikus, fejn is-Sindku għandu l-ħsieb li jitpoġġew xi bankijiet u xi siġar, sakemm titlesta ir-rikostruzzjoni tal-Wied ta` Ħal Balzan.

## 37.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

37.4.1 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` issuġġerixxa li ssir plakka bl-ismijiet ta` min ingħata l-premju Ġieħ Ħal Balzan u titwaħħal f`post prominenti fir-raħal sabiex dawn jibqgħu mfakkra. Il-Kunsill unanimament qabel u se jiġi ċċekkjat kif u fejn tista` ssir.

37.4.2 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` staqsa kif bqajna fuq ix-*shelter* tal-gwerra li hemm fil-pjazza. Is-Sindku infurmah li se nibdew naħdmu fuqha wara Settembru 2017.

37.4.3.1 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` qal li resident qed jissuġġerixxi li ssir *roundabout* fi Vjal De Paule fejn taqsam Triq il-Ferrovija l-Qadima peress li qed isiru diversi inċidenti tat-traffiku u ta` sikwiet ikun hemm konġestjoni tat-traffiku.

37.4.3.2 Is-Sindku ħareġ bl-idea li minnflok *roundabout* titkompla s-*central strip* li hemm preżentament bis-siġar jew tingħalaq b`*bollards* sabiex tipprojbixxi vetturi jaqsmu minn Triq il-Ferrovija l-Qadima għal Vjal De Paule. Il-Kunsill unanimament qabel ma` dan u se ssir talba ma` Transport Malta.

37.4.4 Il-Kunsillier Joe Galea talab lill-Kunsill jindikalu l-a*rea* fejn qed jiġi ssuġġerit li jsir il-*parking* fuq parti mill-bankina fi Triq iz-Zekkuk biex issir l-applikazzjoni ma` Transport Malta. Il-Kunsill qabel li napplikaw biex isir *parking* fuq parti mill-bankina minn quddiem dar 19, St Antonio sa fejn jibda d-*double yellow line.*

37.4.5 Il-Kunsilliera jixtiequ jirringrazzjaw pubblikament lill-ħaddiema u lill-istaff klerikali kollu tal-Kunsill għax-xogħol kollu li għamlu sabiex sar il-ġarr għall-uffiċċju l-ġdid.

37.4.6 Il-Kunsillier Joe Galea jinsab diżappuntat peress li mhux qed issir tisqija u mhux qed jiġu mġawwla pjanti ġodda. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier Joe Galea jiltaqa` mas-Sur Norman Mifsud (ELC Ltd) sabiex tkun tista` tissolva din il-problema.

37.4.7 Il-Kunsillier Joe Galea infurma lill-Kunsill li l-arblu tal-bandiera li hemm fil-pjazza qiegħed perikoluż. Ġie deċiż li wara l-festa jinqala` u jitqassar.

37.4.8.1 Il-Kunsillier Daniel Muscat issuġġerixxa li jsiru tliet (3) arbli minnflok wieħed (1) u flimkien mal-bandiera ta` Ħal Balzan jittellgħu il-bnadar ta` Malta u tal-Unjoni Ewropea. Issuġġerixxa wkoll li dawn jitpoġġew fuq il-bankina fil-pjazza qabel ma` ddur għal Triq Idmejda minnflok fejn jinsab l-arblu preżentament.

37.4.8.2 Il-Kunsill unanimament qabel ma` dan u l-Kunsillier Joe Galea se jġib xi kwotazzjonijiet.

37.4.9 Il-Kunsilliera Joe Galea infurma lill-Kunsill li ta` kull sena, il-Kunsill jagħmel arranġament biex fil-festa, il-Ħadd filgħodu, jinġabar l-iskart tal-każini. Il-Kunsill unanimament qabel li din is-sena ssir ukoll.

37.4.10 Il-Kunsillier Joe Galea infurma lill-Kunsill li ltaqa` mas-Sur Noel Farrugia dwar il-proġett pilota: *Pure Air Classrooms & Green Schools in Malta* imtella` mill-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta` Għada fejn spjegalu aħjar dan il-proġett. Il-Kunsill ser jintaqa` mas-Sur Farrugia biex tingħata aktar informazzjoni dwar dan il-proġett.

37.4.11 Il-Kunsillier Daniel Muscat issuġġerixxa li dwar il-Kunsill Lokali Żgħażagħ, jiġi ppreparat *flier* A5 u jitqassam fid-djar. Il-Kunsill unanimament approva.

37.4.12 Il-Kunsillier Daniel Muscat issuġġerixxa li jiżdied l-*equipment* fil-bandli biex ikun hemm *equipment* għat-tfal kull eta`. Din il-materja se tiġi diskussa aktar il` quddiem wara li jiġi deċiż kif se ssir il-latrina pubblika meta tiġi f`idejn il-Ministeru għat-Turiżmu.

F`dan il-ħin (5.10pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fil-5.20pm.

## 37.5 Disponiment ta` Assi tal-Kunsill

37.5.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet skeda għall-approvazzjoni tal-Kunsill li turi lista ta` Assi tal-Kunsill li ser jiġu mneħħija minn fuq l-inventarju.

37.5.2 Il-Kunsill unanimament iddeċieda li jiddisponi mill-assi kollha li jidhru fuq il-lista mehmuża billi jiġu mormija peress li m`għadx hemm użu għalihom. Ġie deċiż li qabel ma jiġu mormija, se jiġi ċċekkjat jekk xi ħadd mill-ħaddiema u *staff* iridx xi ħaġa minnhom.

## 37.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta` Rapporti

37.6.1 Ma kienx hemm rapporti.

## 37.7 Ilmenti u *Items* oħra ta` xogħol ieħor tal-Kunsill

37.7.1.1 Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill talba għal rifużjoni għal ħsarat li ġarrab fuq il-karozza mingħand is-Sur Steven Pisani. Is-Sur Pisani qed jgħid li nhar il-Ġimgħa 28 ta` April 2017, għal ħabta tat-3.15pm, ġarrab din il-ħsara b`kaġun li kien hemm Triq Sant`Antnin magħluqa għax kienu qed isiru xi xogħlijiet f`dar 25. Peress lit-triq kienet magħluqa, s-Sur Pisani kellu jdawwar, bil-konsegwenza li laqat il-karozza.

37.7.1.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill li ma nħarġux permessi biex tingħalaq Triq Sant` Antnin biex isiru xogħlijiet f`dar 25, għalhekk dawn ix-xogħlijiet kienu qed isiru mingħajr permess. Kompliet tgħid li dan l-uffiċċju jiżgura li meta persuna tiġi għal permess biex tagħlaq xi triq f'Ħal Balzan, il-permess jinħareġ biss jekk ikun hemm gwardjan lokali fuq il-post biex jidderieġi t-traffiku.

37.7.1.3 It-talba tas-Sur Pisani ma ġietx milqugħa mill-Kunsill għar-raġuni li l-Kunsill ma jistax jinżamm responsabbli għal inċident li ġara fi triq li kienet maqgħluqa mingħajr il-permess tal-Kunsill. Il-Kunsill qed jissuġġerixxi li s-Sur Pisani jaġġmel kuntatt mal-pulizija sabiex jinstab il-kuntrattur li kien qed jaħdem dakinhar mingħajr il-permess meħtieġ sabiex ikun jista` titlob kumpens għal ħsarat direttament lilu.

37.7.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill li kitbet lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex tinfurmhom li l-Kunsill huwa nteressat li jikkollabora f`ġemellaġġ mal-vilaġġ ta` Coye-la-Foret fi Franza. Dwar dan għadha qed tistenna risposta.

37.7.3 Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-*barman* tal-Każin tal-Partit Laburista qed jitlob biex bħas-snin ta` qabel, il-Kunsill jagħtih permess biex jarma *bar* żgħir faċċata tal-Każin fil-jiem tal-festa. Il-Kunsill unanimament approva li jinħareġ il-permess bil-kundizzjonijiet tas-snin ta` qabel.

37.7.4.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill lis-Sur Silvio Cassar, f`isem il-Każin San Gabriel qed jitlob biex bħas-snin ta` qabel, il-Kunsill iħallas l-ispejjeż ta` *fire engine* u ta` *first aider* biex ikunu preżenti waqt l-ispettaklu tan-nar tal-art li jsir is-Sibt tal-festa.

37.7.4.2 Is-SE fakkaret lill-Kunsill b`Ċirkulari 38/2016 – Fondi Pubbliċi minfuqa għal finanzjament ta` għaqdiet li ntbagħtet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fit-2 ta` Novembru 2016, fejn qed tipprojbixxi l-Kunsilli Lokali jużaw il-fondi pubbliċi għal finanzjament ta` Għaqdiet fil-bliet u l-irħula.

37.7.4.3 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` qal li filwaqt li jixtieq jgħin lill-għaqdiet tar-raħal, fuq prinċipju ma jaqbilx li l-Kunsill juża fondi pubbliċi biex jiġu ffinanzjati l-għaqdiet. Kompla jgħid li l-Kunsill għandu jagħti eżempju ta` *Good Governance* u jekk hemm il-liġi għandha tiġi segwita.

37.7.4.4 Il-Kunsillier Joe Galea qal li Kunsilli oħra jagħtu din it-tip ta` għajnuna lill-Każini u billi l-ammont mhux kbir, ma jara xejn ħażin li tingħata din l-għajnuna.

37.7.4.5 Il-Kunsillier Daniel Muscat qal li din il-kwistjoni ma tistax toħroġ minnha la hemm il-liġi torbot lill-

Kunsilli Lokali.

37.7.4.6 Għalhekk, ġie deċiż li m`hemmx triq oħra ħlief li din it-talba ma tiġix milqugħa. Is-Sindku qal li se jieħu ħsieb iħallas għall- *first aider* għas-spejjeż tiegħu.

37.7.5 Is-SE infurmat lill-Kunsill b`*email* mibgħuta mir-Reġjun Ċentru dwar Inizjattiva Finanzjarja għal Għoti mill-ġdid ta` tarmak lil toroq fir-responsabbilta` tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill iddeċieda li japplika biex issir parti minn Triq Qarċilla. Il-Kunsillier Daniel Muscat se jieħu ħsieb ikellem perit biex jipprepara stima tax-xogħlijiet u pjanta sabiex inkunu nistgħu napplikaw..

37.7.6 Is-SE infurmat lill-Kunsill b`*email* mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn qed tfakkar lill-Kunsilli li l-perjodu ta` 90 jum biex il-persuna nominata mill-Kunsill u approvata mill-Ministru biex taġixxi bħala Deputat SE dalwaqt jiskadi. Għalhekk, il-Kunsill unanimament **<b`eċċezzjoni tal-Kunsillier Desmond Zammit Marmara`>** approva li jġedded in-nomina tas-Sur Mark Mallia.

37.7.7.1 Is-SE infurmat lill-Kunsill b`*email* li ntbagħtet mill-kumpanija Franks fejn qed jipproponu li jorganizzaw kors edukattiv dwar il-kura tal-ġilda u kif tapplika l-*make-up.* Dan il-kors huwa mingħajr ħlas. Il-Kunsill irid jipprovdi l-post fejn jista` jsir il-kors u te` u kafe` għal waqt il-*break.*

37.7.7.2 Il-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` li huwa responsabbli mill-edukazzjoni, jissuġġerixxi li l-Kunsill jorganizza dan il-kors għax huwa nteressanti u l-Kunsill qatt ma` organizza dan it-tip ta` kors qabel. Il-Kunsill unanimament approva li jiġi organizzat dan il-kors fis-sala fejn jiltaqa` l-Kunsill. Is-SE se tinfurma lill-Franks biex jagħmlu kuntatt mal-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` biex jiġi organizzat dan il-kors.

37.7.8 Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-MCA infurmawha li jriedu jiġu identifikat żewġ (2) postijiet fejn jistgħu jiġu nsallati *Wifi* biex ikun jista` jintuża b`xejn mill-pubbliku. Il-Kunsill iddeċieda li dawn jiġu nstallati fil-Wied ta` Ħal Balzan (fejn kien hemm il-*Bring-in-Site*) u fi Triq il-Ferrovija l-Qadima (fejn is-siġra tal-fikus).

## 37.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti

37.8.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta` pagamenti nru. 7/17 li ġġib id-data tas-26 ta` Ġunju 2017 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta` €17,057.08.

37.8.2 L-iskeda ta` ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` li kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 37.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

37.9.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-5.45pm.

37.9.2 Il-Laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 27 ta` Lulju 2017 fl-4.00pm.

Konfermati, illum il-Ħamis, 27 ta` Lulju 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nut. Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |